MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru. 175/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Veen Johannes Marines**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Veen Johannes Marines ta' 31 sena iben Cornelius u Carmena nee' Zammit mwieled Skozja fit-22 ta' Jannar 1976 u residenti Block 6 Flat 3, Triq San Nikola, Valletta, ID 372797(M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Gunju 2007 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat General ibis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Ikkonsidrat

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Wara li rat id-digriet taghha fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2012 fejn ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza ai termini ta’ l-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta peress li mill-fedina penali kien jidher li r-reat li bih hu akkuzat l-imputat fil-proceduri odjerni, gie kommess waqt li kienet operattiva sentenza sospiza

Rat is-sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Veen Johannes Marines’ deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta’ Jannar 2006 li giet esebita u mmarkata bhala Dok NC, li fiha l-imputat gie kkundannat ghal 4 xhur prigunerija sospizi ghal sena u nofs kif wkoll multa ta’ LM400.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti fl-istess seduta tad-9 ta’ Mejju 2012 fejn ai termini ta’ l-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat lill-hati jidher fis-seduta tat-30 ta’ Mejju 2012 sabiex tigi trattata l-kwistjoni dwar is-sentenza sospiza msemmija.

Fis-seduta tat-30 ta’ Mejju 2012, semghet il-provi tad-difiza u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, li l-pussess semplici kien rizultat ta’ overdose li l-imputat kien ha tad-droga eroina u mill-provi prodotti jidher li l-imputat qed jaghmel l-almu tieghu sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga tant li ilu minn Ottubru 2009 jattendi l-Agenzija Sedqa u jiehu hsieb lil uliedu.

Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti ma thossx li huwa opportun li s-sentenza tas-16 ta’ Jannar 2006 tigi reza operattiva.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni

ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

U bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti qieghda testendi il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza ta’ 4 xhur prigunerija fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta’ Jannar 2006 ghal perjodu ta’ erba’ snin ohra mid-data ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------